# KUNSILL LOKALI ISLA

## IR-RABA' KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU TNEJN

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar il-Ġimgħa 12 ta' April, 2002 fis-2.30pm .

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | 4 | | |

**AĠENDA**

1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
3) Jum l-Isla.
4) Riżoluzzjonijiet.

### 2 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.

Fuq proposta tal-Viċl Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Minuti ġew approvati nem. con. kif ppreżentati.

### (2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.

*2.2.1 Aċċess fl-Uffiċċju tal-Kunsll Lokali*

Għal raġunijiet ta' sigurta' u ta' kontroll kull Kunsillier li jkun irid jagħmel użu mill-premises tal-Kunsill fi Triq San Ġużepp għandhu jinforma b'dan lis-segretarjat biex isiru l-arranġamenti metieġa għall-aċċess speċjalment barra l-ħinijiet ta' l-uffiċċju. Għaldaqstant iċ-ċwievet ta' dan l-uffiċċju ser ikunu fil-kontroll tas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Min-naħa l-oħra kull Kunsillier ser ikun jista' jagħmel użu mill-uffiċju tal-Kunsill f'Misraħ 4 ta' Settembru għal-laqgħat u xogħol ieħor konness mal-

qadi ta' dmirijiethom. Għal dan il-għan kull Kunsillier ser jingħata set ċwievet ta' dan l-uffiċju. Kull Kunsillier xorta waħda huwa obbligat li jinforma lis-Segretarju Eżekuttiv bil-laqgħat li jkunu ser jittellgħu f'dan l-uffiċju.

2.2.2 Kopja ta' kull korrispondenza riċevuta u mibgħuta mill-Kunsill ser tkun għad-dispożizzjoni tal-Kunsilliera fl-Uffiċċju tas-Sindku.

*2.2.3 Kumitat Konġunt (03/04/3002)*

Ġie diskuss it-towing & clamping kif ukoll li gwardjani mhux qed jagħmlu l-ħin tagħhom f'kull lokalita' tant li xi wħud kienu tal-fehma li joħorġu mis-sistema jekk dan ma' jitranġax.

Saret diskussjoni dwar il-pooling tal-lokalitajiet fir-Reġjun. Hemm min ma' jaqbillhux finanzjarjament.

*2.2.4 Ħaddiema assenjati mal-Kunsill*

Il-Ħaddiema tal-Gvern assenjati mal-Kunsill ser jaqgħu taħt il-kontroll tal-Kunsillier Reno Chircop. Il-Kunsillier Reno Chircop ser ikun qiegħed f'kuntatt mas-Segretarju Eżekuttiv biex flimkien jaraw ix-xogħol li hemm bżonn isir.

*2.2.5 Laqgħat tas-Sotto-Kumitati*

Dawk il-Kunsillieri li jkunu jridu jiltaqgħu mas-Sotto Kumitati jkunu jistgħu jagħmlu dan fl-uffiċċju tal-Kunsill wara li jkunu nfurmaw lis-Segretarjat b'dawn l-arraġamenti.

*Nota :*

*Kopji ta' korrispondenza relata mal-qadi u dmirijiet ta' kull Kunsillier qed jitpoġġew fil-garżella li hemm fl-Uffiċċju tal-Kunsill f'Misraħ 4 ta' Settembru.*

*2.2.6 Job Club (09/04/2002)*

Permezz tal-Community Development Unit qed isir l-Job Club fis-Sala tal-Kunsill biex jgħinu liż-żgħażagħ mil-lokal isibu u jippreparaw ruħhom għax-xogħol. Dawn qed jiltaqgħu darbtejn fil-ġimgħa u bdew mid-9 ta' April 2002.

*2.2.7 Seminar dwar Negotiating skills (30 u 31/03/02)*

Is-Sindku fuq stedina tal-Fondazzjoni Ġuże' Ellul Mercer attenda seminar dwar negotiating skills fir-Ramla Bay Hotel.

*2.2.8 Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera (05/04/02)*

Ġew diskussi proġetti u ingata rendikont għax-xogħol li għandhu jsir għan-naħa ta' l-Isla. Is-Sindku semma r-restawr komplut tan-Niċċa ta' Sant'Anna u s-Swar ta' San Mikiel. It-tender dalwaqt toħroġ min-naħa tal-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera.

*2.2.9 CDU - Proġett ta' Edukazzjoni lill-Adulti*

Għalkemm hemm xi diffikultajiet li għad iridu jiġu ndirizzati jidher li dan il-proġett jista' jibda jitwtettaq fil-futur.

*2.2.10 Permessi*

Is-Sndku ġibed l-attenzjoni li qed ikun hemm każi fejn kuntratturi ma' jiġux fl-uffiċċju talKunsill biex iwettqu xogħol fil-lokal. Għaldaqstant huwa xtaq li jibda tingħatalu kopja tal-permessi li joħorġu mill-Kunsill biex huwa jkun jista' jivverifika dwar dan.

*2.2.11 Kuntatt Numru 6*

Id-data ta' l-egħluq biex jiġi sottomess il-materjal għall-pubblikazzjoni hija 22 ta' April, 2002. Kull Kunsillier ġie mħeġġeġ biex jgħaddi l-materjal lis-segretarjat il-materjal li jixtiequ jippubblikaw.

*2.2.12 Korrispondenza*

Kopja tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn it-18 ta' Marzu u t-12 ta' April 2002 ġiet ippreżentata fil-Kunsill.

*Esebizzjoni Kunsill Lokali Bormla (26, 27, 28 ta' April, 2002)*

Il-Kunsill għandhu jibgat il-materjal meħtieġ biex jiġi esebit f'din il-wirja kollettiva fil-Kunsill Lokali ta' Bormla.

*Applikazzjoni "Ġnien Tagħna t-Tfal"*

Għandha ssir laqgħa tas-Sotto Kumitat biex jiġi diskss it-tibdil li jrid isir għall-approvazzjoni ta' l-Awtorita ta' l-Ippjanar.

*Ġemellaġġ mal-Belt ta' Cassino*

Għandha tinbagħat e-mail lill-Ambaxxata ta' Malta f'Ruma biex jitkomplew il-kuntatti għal dan il-ġemellaġġ. L-approvazzjoni mill-Ministeru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali ġiet konfermata.

*Ħidma flimkien ta' Kunsilli (04/0506/023/I)*

Il-Kunsill qed jaqbel mal-proposta tal-Kunsill ta' Marsascala biex il-Kunsilli ta' nofs inhar ta' Malta jiltaqgħu flimkien biex jiffurmaw policy dwar tniġġiż tal-bajjiet u l-baħar.

*Talba għal għajnuna lid-Dipartiment tas-Sajd u Akwakultura*

Il-Kunsill ikkonferma li lest jagħti sehmu biex il-liċenzji u dokumenti reatati mas-sajjieda jkunu jistgħu jinġabru mill-Kunsill.

*Kunsill Lokali Birgu*

Il-Kunsill jaqbel mal-proposta tal-Kunsill Lokali Birgu biex it-tlett ibliet jagħmlu laqgħa mal-Ministru Louis Deguara dwar is-servizzi bażiċi u n-nuqqas ta' riżorsi fil-polyclinic ta' Bormla.

*Konferenza Nazzjonali - Social Housing (12/0202)*

Is-Sindku kien ser jattendi għal dan is-seminar "Djar Vojta" fl-Istitut Kattoliku fil-5.00pm.

*Pjazza J. B. Azopardo*

Fuq talba tal-Kunsill, is-Sur Ray Bondin (Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera) informa lill-Knsill biex jiltaqgħa mas-Sur Michael Vella biex isiru l-preparamenti meħtieġa sabiex isir ix-xogħol fuq it-tieni fażi ta' dan il-proġett.

*Konferma ta' l-Arċipriet il-ġdid*

Il-Kunsill ġie mistieden biex nhar is-Sibt 20 ta'April, 2002 fil-5.00pm jieħu sehem fiċ-ċelebrazzjoni li ser issir mill-Kapitlu ta' l-Isla fil-bidu tal-ħidma pastorali ta' l-Arċipriet il-ġdid.

*Kumitat Olimpiku Malti*

Il-Kunsill qbel li l-Kunsillier Reno Chircop jieħu ħsieb biex jagħmel kuntatt mas-Sur Joseph Cassar dwar attivitajiet sportivi fil-lokal.

*Banda Queen's Own*

Din il-banda (tal-lokal) ikkonfermat is-sehem tagħha fl-attivitajiet ta' Jum l-Isla bil-prezz sussidjat ta' Lm 250 filwaqt li tablet li tiltaqa mal-Kunill dwar proġett l jixtiequ jwettqu fl-egħluq tal-100 sena mit-twaqif tal-Banda s-sena d-dieħla. Din it-talba għandha tiġi diskussa aktar il-quddiem.

*Talba għal użu ta' Ġnien il-Gardjola*

Il-Kunsill laqa' t-talba ta' resident biex fi Ġnien il-Gardjola ssir private function (Preċett). Il-Kunsill qabel ukoll li dan ma' joħloq ebda preċedent. Il-Kunsill bi ħsiebu jieħu d-deċlżjonijiet skond ilmertu ta' kull talba simili aktar il-quddiem.

*Malta Pool Association*

Il-Kunsill ħalla d-deċiżjoni tiegħu għal aktar tard dwar it-talba ta' għajnuna finanzarja għal żewġ players li sejrin jieħdu sehem f'International Pool Competition għandha tiġi diskussa aktar il-quddiem.

*Sotto Kumitati*

Il-Kunsillieri ġew imħeġġa biex jaħtru l-membri fuq is-Sotto Kumtati sa qabel il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

## (3) Jum l-Isla.

Reġa ġie diskuss il-programm imħejji dwar attivitajiet ta' Jum l-Isla u li huma mifruxa fuq tlett ijiem mis-6 sat-8 ta' Mejju, 2002.

2.3.1 Il-Kunsillieri Mario Mizzi u Walter Ahar għandhom jieħdu ħsieb jiġbru sponsors lokali.

2.3.2 Il-Kunsillier Charmaine Gerada għandha tieħu ħsieb dwar il-bibita kif ukoll dwar it-tħejjija ta' souvenir programme.

## (4) Riżoluzzjonijiet.

2.4 Fuq proposta tal-Kunsillier Mario Mizzi ssekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar il-Kunsill approva unanimament is-somma ta' mhux aktar minn Lm 700 biex jiffinanzja l-attivitajiet ta' Jum l-Isla.

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet b'dan l-item fil-5.15pm. u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 30 ta' April, 2002 fis-6.30pm, b'din l-Agenda : Budget 2002/2003 : Ftehim mal-Maltacom : Faces : Pooling.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

________________________ ________________________

Joseph Casha — Alphonse Zammit

Sindku — Segretarju Eżekuttiv